# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

### Laqgħa Nru. 34/K8/17

Data tal-laqgħa: 19 ta' Lulju 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) – (2)**

Vici Sindku Dott Albert Buttigieg (Inc. 4487/2017)
Martin John Sultana – Kunsillier  (Inc. 4482/2017)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

34.1.01 Intalab mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsillier Martin John Sultana sabiex jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

34.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 33/K8/17 għall-approvazzjoni.

34.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 33/K8/17.

34.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

34.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

34.2.05 Il-laqgħat mas-Sur Wilson Mifsud il-kuntratturi tal-*parks & gardens* u mal-kuntrattur tal-knis saru, fejn waqt il-laqgħa ġew diskussi l-problemi li l-Kunsill għandu.

34.2.06 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar l-abbozz tal-Monument fl-ismijiet ta' dawk li mietu fit-Tieni Gwerra Dinjija li dan instab u ser jintwera lill-Kapillan sabiex nibdew naħdmu fuqu pero' l-quddiesa ser isir il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2017 flok is-Sibt 26 ta' Awwissu 2017.

34.2.07 Is-Segretarju qajjem il-punt dwar il-laqgħa li saret mas-Sur Cleavon Vella dwar id-devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola. Huwa spjega li waqt il-laqgħa ser jipprova jikkordina laqgħa bejn il-Kunsill u l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

34.2.08 Is-Segretarju spjega dwar il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar l-imwejjed u siġġijiet li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa li għaddiet. Huwa nforma lill-Kunsill li s'issa il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex u Pembroke biss irrispondew. Għaldaqstant ser nistennew risposta mingħand il-Kunsill Lokali Sliema u ssir il-laqgħa.

34.2.09 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy wasal fil-4.17p.m.

**34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

34.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li għanda nieħdu bejn €34,000 u €40,000 mir-Regjun dwar il-flus pendenti taċ-ċitazzjonijiet li kienu ngħataw qabel ma' bdew ir-Reġjuni.

34.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar li l-pont tal-Knisja fir-rigward biex jinżebagħ, huwa nforma lill-Kunsill li x-xogħolijiet fuq il-pont dalwaqt jibdew.

**34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

34.4.01 Il-Kunsillier Edgar Montanaro qajjem il-punt dwar siġra li hemm mat-*traffic lights* ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier ħdejn is-St. Julian's Pharmacy. Iċ-Ċermen informa lis-Sur Montanaro li tkellem ma' min hu kkonċernat u x-xogħolijiet ser isiru.

34.4.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro qajjem il-punt dwar il-problema li n-nies mhux qed jobdu r-*residential parking scheme* speċjalment issa fil-perjodu tas-sajf. Huwa spjega li saret rari li tara gwardjan matul il-ħinijiet tar-residential parking. Għaldaqstant għandha tintbagħat ittra lill-LESA biex ikun hawn aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali dwar ir-*residential parking*.

**34.5 Għoti ta' Tender dwar il-Mini Van;**

34.5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-offerti li l-Kunsill irċieva.

34.5.02 Is-Segretarju spjega li kien hemm żewġ offerti li ntefgħu fejn l-aktar waħda vantaġġuża hija ta' l-ALM.

34.5.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Edgar Motanaro ppropona li tintgħażel l-offerta ta' l-ALM.

34.5.04 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah.

34.5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**34.6 Għoti ta' Tender tal-*Christmas Lights Decorations*.**

34.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-offerti li l-Kunsill irċieva.

34.6.02 Is-Segretarju spejega li rċievejna żewġ offerti dwar dan it-tender.

34.6.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ippropona li tintgħażel l-offerta ta' Micamed bil-valur ta' €28,000.

34.6.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

34.6.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**34.7 Talbiet żgħar**

**34.7.01 Proposta ta' Bdil ta' Isem ta' Triq (Inc. 4307/17)**

**34.7.01.01** Saret riferenza għat-talba mingħand il-Kunsillier Clayton Luke Mula bi proposta sabiex Triq Luigi Apap, parti mit-triq tiġi msemmija Triq Francis Zammit. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament u li din għandha tintbagħat lill-*Istreet Naming Committee.*

**34.7.02 Email mingħand il-Wasteserv rigward European Week for Waste Reduction. (Inc. 4318/17)**

34.7.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Wasteserv rigward European Week for Waste Reduction. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ser jieħu ħsieba l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

**34.7.03 Ċirkulari AKL 42/2017 – Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta' attivitajiet. (Inc. 4344/17)**

34.7.03.01 Saret riferenza għaċ-Ċirkulari AKL 42/2017, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li għandu jattendi l-Viċi Sindku Albert Buttigieg f'każ li l-Viċi Sindku ma jkunx jista', il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul offra li jmur hu.

**34.7.04 Email dwar ECAD study visit and seminar to San Patrignano. (Inc. 4363/17)**

34.7.04.01 Saret riferenza għall-email dwar ECAD study visit and seminar to San Patrignano, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ser jattendu l-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy u l-Kunsillier Clayton Luke Mula.

**34.7.05 Email dwar Ċirkulari 9/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund. (Inc. 4380/17)**

34.7.06.01 Saret riferenza għall-email dwar Ċirkulari 9/2017, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li napplikaw għall-Festa Lapsi u l-Kunċert tal-Milied.

**34.7.07 Email minghand is-Sur Mark Galea dwar Advertising in the St. Julian's area. (Inc. 4431/17)**

34.7.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Mark Galea dwar Advertising in the St. Julian's area, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta li jsiru *advertising*

fuq il-*manhole covers* filwaqt li biex jagħmlu reklam fuq l-*advertising barriers* li diga hemm fil-lokalita' għandha nagħtuhom il-kuntatt ta' min jieħu ħsieb dawn il-*barriers*.

**34.7.08 Email mingħand Camilla Appelgen dwar Lets Do It Malta. (Inc. 4489/17)**

34.7.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand Camilla Appelgen dwar Lets Do It Malta, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li nistaqsuhom jekk għandhomx għaddasa u niċċekjaw jekk jistax jitnaddaf qiegħ il-baħar.

**34.7.09 Email minghand is-Sur Philip Mifsud dwar l-Wifi ġewwa il-lokalita' (Inc. 4414/17)**

34.7.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Philip Mifsud dwar l-Wifi ġewwa l-lokalita'. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li jiġi ċċekkjat kemm huma l-ispejjez għall-Kunsill fosthom it-twaħħil ta' *meter* tad-dawl.

**34.7.10 Ċirkulari AKL 43/2017 – Jitħabbru l-attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilita' (Inc. 4428/17)**

34.7.10.01 Saret riferenza li l-Kunsill ircieva mingħand il-Local Government Association dwar Ċirkulari AKL 43/2017, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsillier Edgar Montanaro ser jieħu ħsiebha hu.

**34.7.11** Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill skond l-Artiklu li jitkellem dwar nuqqas ta' attendenza għall-perjodu ta' żmien u kif inhu mitlub mill-istess artiklu qiegħed jinforma lill-Ministru dwar in-nuqqas ta' attendenza tal-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy. Din in-nuqqas kienet ġustifikata fiż-żewġ każi u għalhekk il-Kunsill kien qiegħed jirrakkomanda li ma tittieħed l-ebda azzjoni min-naħa tad-Dipartiment. Kien hemm qbil unanimu fuqha.

**34.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

34.8.01 Minuti ta' Paceville ma kienx hemm peress li l-laqgħa ma saritx minħabba li ma kienx hemm kworum.

**34.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti;**

34.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'A')

34.9.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

34.9.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondaha.

**34.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

34.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4197 sa 4214.

34.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**34.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

34.11.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 10 ta' Awwissu 2017 fl-4.00p.m.

34.11.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 10 ta' Awwissu 2017